IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2021
COM(2021) 592 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/52/KE tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali

Introduzzjoni

L-indirizzar tal-isfidi li ġġib magħha l-migrazzjoni irregolari lejn l-UE huwa komponent importanti tal-**approċċ komprensiv, fit-tul u sostenibbli għall-migrazzjoni** kif propost skont il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[1]. Dak l-approċċ jiżgura konsistenza fl-iżvilupp tal-politika tal-UE fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-ażil, l-integrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri biex jgħin fil-prevenzjoni ta' wasliet mhux sikuri u irregolari lejn l-UE. Il-Patt Ġdid għandu l-għan li jiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, jipprevjeni l-isfruttament organizzat tal-migranti u jippromwovi rotot legali sostenibbli u sikuri għal dawk li jeħtieġu protezzjoni. Il-pjan ta' azzjoni mġedded tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti għall-perjodu 2021-2025[2], ippreżentat flimkien ma' dan ir-rapport, jipprovdi l-għodod għall-ġlieda kontra n-netwerks kriminali tat-traffikar u biex jiskoraġġixxi b'suċċess il-migrazzjoni irregolari fi sħubija mill-qrib bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif ukoll il-pajjiżi sħab.

Biex nirreaġixxu b'suċċess għall-migrazzjoni irregolari, huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati l-**motivaturi** li jwasslu lill-migranti biex jimbarkaw fuq vjaġġi perikoluży lejn l-UE. Il-possibbiltà li l-migranti irregolari jfittxu ħajja aħjar billi **jsibu impjieg fl-ekonomija informali**[3], u b'hekk jiksbu riżorsi li jistgħu jappoġġaw is-sussistenza tal-membri tal-familja fil-pajjiż ta' oriġini, hija motivatur ta' dan it-tip, anke jekk din is-sitwazzjoni tagħmilhom vulnerabbli għall-abbuż u l-isfruttament. L-impjieg illegali tal-migranti irregolari huwa fenomenu kumpless li jaffettwa diversi oqsma, inkluż il-migrazzjoni, l-impjiegi u l-politiki soċjali, il-politika fiskali kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-individwi. Filwaqt li l-iskala u l-okkorrenza tal-impjiegi illegali jvarjaw bejn l-unitajiet domestiċi privati, bejn in-negozji żgħar, medji u l-kumpaniji kbar u bejn is-setturi ekonomiċi, l-impjieg illegali, madankollu, jipprovdi raġunijiet għal dawk l-impjegaturi li jixtiequ jnaqqsu l-kost lavorattiv u jevitaw ir-regoli, biex **jieħdu vantaġġ minn ħaddiema** li jkunu lesti jwettqu impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet u b'pagi baxxi f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema bħall-kostruzzjoni, l-agrikoltura, it-tindif u l-lukandi/il-catering.

Barra minn hekk, l-impjieg illegali ta' persuni li mhumiex awtorizzati jissoġġornaw fl-UE - b'mod simili għax-xogħol mhux iddikjarat ta' persuni intitolati li jibqgħu iżda mhux li jaħdmu u l-ekonomija informali b'mod ġenerali - **jagħmel ħsara minn perspettiva ekonomika**, peress li jwassal għal telf fil-finanzi pubbliċi, it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali, inaqqas il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u joħloq kompetizzjoni inġusta bejn in-negozji[4].

L-impjieg illegali jesponi wkoll lill-migranti għal riskji ta' **ksur tad-drittijiet individwali u soċjali**, b'mod partikolari l-isfruttament tax-xogħol, l-għajxien prekarju u kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ebda aċċess għall-protezzjoni soċjali jew aċċess limitat. Barra minn hekk, f'xi każijiet l-isfruttament tal-ħaddiema jista' jkollu wkoll rabtiet mal-kriminalità serja u

[1] COM(2020) 609 final.
[2] COM (2021) 591.
[3] Ir-riżoluzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar xogħol deċenti u l-ekonomija informali (2002) tiddefinixxi "l-ekonomija informali" bħala "l-attivitajiet ekonomiċi kollha mill-ħaddiema u l-unitajiet ekonomiċi li - fil-liġi jew fil-prattika - mhumiex koperti jew koperti b'mod insuffiċjenti minn arranġamenti formali".
[4] Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017), p. 10.

organizzata, jew permezz tat-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament tax-xogħol jew l-isfruttament ta' migranti irregolari permezz ta' netwerks tat-traffikar permezz ta' rbit ta' dejn - fejn persuna tkun sfurzata taħdem biex tħallas id-dejn - u kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi. In-netwerks kriminali jimmiraw ukoll lejn il-migranti li diġà jissoġġornaw b'mod irregolari fl-UE, billi jġegħluhom jaħdmu f'kundizzjonijiet ta' sfruttament kbir, filwaqt li jużaw il-vulnerabbiltà u r-rieda tagħhom li jaċċettaw kwalunkwe tip ta' opportunità ta' impjieg biex jibqgħu fl-UE u jkollhom dħul[5].

Huwa **diffiċli li jiġi stmat id-daqs tal-impjieg illegali** fl-UE minħabba li huwa fenomenu "moħbi" marbut mal-ekonomija informali fl-Istati Membri. Hemm indikazzjonijiet li l-impjieg illegali ta' migranti irregolari huwa ogħla fejn is-sehem tal-attività ekonomika informali huwa kbir[6]. Għalkemm l-impjieg informali[7] huwa stmat li jammonta għal 16,8 % tal-impjiegi kollha fl-UE bħala medja[8], il-livell ta' impjieg illegali ta' migranti irregolari huwa dejjem aktar diffiċli biex jiġi kkwantifikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti speċifiċi għall-ġeneru u dawk sensittivi għat-tfal[9], peress li l-migrazzjoni irregolari dejjem tibqa' diffiċli biex tiġi stmata.

Flimkien ma' miżuri intensifikati biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari, il-projbizzjoni effettiva tal-impjieg tal-migranti irregolari tibqa' element ċentrali fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, u b'hekk jitnaqqsu wkoll l-impatti ekonomiċi u soċjali tagħha inkluż permezz tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwu.

1. L-Objettivi tal-Komunikazzjoni

Id-**Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi**[10] tipprovdi qafas legali Ewropew għall-prevenzjoni u r-rispons speċifiku għall-impjieg illegali tal-migranti irregolari, li jinsabu f'sitwazzjoni aktar prekarja u vulnerabbli minn ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra. Għalkemm l-indirizzar tal-impjieg u tal-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema migranti b'soġġorn legali huwa daqstant ieħor importanti, dawn mhumiex soġġetti għal din id-Direttiva peress li huma koperti mill-qafas tal-UE għall-migrazzjoni legali[11] u mil-leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika.

---

[5] Valutazzjoni tal-UE ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata 2021 (Europol).

[6] Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017), p. 14.

[7] Fir-rigward tal-impjiegi informali, ir-rapport tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol "Defining and measuring informal employment" (2005) jirreferi għal impjieg mhux standard, atipiku, alternattiv, irregolari u prekarju.

[8] International Labour Organization (ILO) Factsheet, Overview of the informal economy in the EU, https://www.ilo.org/budapest/WCMS_751319/lang--en/index.htm.

[9] Ir-Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017) wera li f'termini ta' ġeneru, abbażi tal-istatistika pprovduta minn ħdax-il Stat Membru li pparteċipaw fl-istudju, fil-biċċa l-kbira l-irġiel (minn 69 % f'Ċipru għal 100 % fil-Litwanja u s-Slovakkja) ġew identifikati bħala li qed jaħdmu illegalment fl-Istati Membri li pprovdew id-*data*.

[10] Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24).

[11] Il-qafas tal-UE għall-migrazzjoni legali (id-Direttiva dwar il-Permess Uniku (2011/98/UE), id-Direttiva dwar il-Karta Blu (2009/50/KE), id-Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġjonali (2014/36/UE), id-Direttiva dwar il-ħaddiema bi trasferiment intraazjendali (2014/66/UE), id-Direttiva dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi (UE) 2016/801, id-Direttiva dwar ir-residenti fit-tul (2003/109/KE)) jipprevedu regoli li jiżguraw trattament ugwali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bħal taċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn jirrisjedu, fir-rigward ta' fost l-oħrajn il-

Id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli li jirrikjedu li l-impjegaturi jivverifikaw id-dritt taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissoġġornaw fl-UE u dwar sanzjonijiet għal min iħaddem lill-migranti irregolari, filwaqt li tistabbilixxi standards minimi u mekkaniżmi għad-detezzjoni tal-impjieg illegali. Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll miżuri għall-**protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti irregolari**, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jintalbu lura pagi pendenti, biex jiġu ffaċilitati l-ilmenti li jistgħu jiżvelaw sitwazzjonijiet ta' impjieg illegali u biex jinħarġu permessi temporanji ta' residenza lill-vittmi ta' impjegaturi partikolarment abbużivi biex jieħdu sehem fi proċedimenti kriminali.

Id-Direttiva tagħti lill-Istati Membri l-**flessibbiltà** li jfasslu approċċi differenti biex jiksbu l-objettivi tagħha, li jippermettulhom iqisu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali relatati mas-suq tax-xogħol, ir-rwol tal-impjiegi u l-migrazzjoni illegali u s-severità tal-ksur. Madankollu, jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jiżguraw li r-regoli jirnexxilhom jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jkunu jindirizzaw l-impjiegi illegali. Approċċi nazzjonali ineffettivi kontra l-impjieg illegali li ma jnaqqsux l-attraenza tal-ekonomija informali għall-migranti irregolari, u bħala tali ma jikkontribwixxux għat-tnaqqis tal-wasliet irregolari, għandhom **effett indirett fuq l-Istati Membri kollha u fuq il-politika tal-migrazzjoni tal-UE kollha kemm hi**.

Din il-Komunikazzjoni tħares lejn l-**applikazzjoni prattika** tad-Direttiva, wara **t-tħabbira taħt il-Patt il-Ġdid** li l-Kummissjoni se tivvaluta kif issaħħaħ l-effettività tad-Direttiva u tevalwa l-ħtieġa għal aktar azzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tikkomunika wkoll mal-"*Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat*", il-grupp ta' ħidma tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol li għadha kif ġiet stabbilita (minn hawn 'il quddiem, il-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat).

Din il-Komunikazzjoni tissodisfa wkoll l-obbligu ta' rappotar fuq bażi regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill stabbilit fl-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi. Tidentifika l-**azzjonijiet** meħtieġa **biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tad-Direttiva**, b'enfasi fuq it-tliet linji ta' azzjoni ewlenin: sanzjonijiet kontra l-impjegaturi, miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti irregolari u spezzjonijiet. Il-Komunikazzjoni teżamina, fost l-oħrajn, l-implimentazzjoni tal-Artikoli 6(2) u 6(5) dwar il-proċeduri effettivi għall-introduzzjoni ta' talbiet għal ħlas b'lura u l-ħruġ ta' permessi ta' residenza b'tul limitat f'każ ta' proċedimenti kriminali.

Il-Komunikazzjoni ssegwi l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni ta' Mejju 2014[12] u tibni fuq l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva pprovduta mill-Istati Membri[13] (inkluża d-*data* dwar l-ispezzjonijiet fl-2019 u fl-2020 u fuq ir-riżultati tagħhom) u fuq firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari t-trejdjunjins, l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi u tan-

kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali u s-servizzi ta' konsulenza.

[12] COM(2014) 286 final; hija wriet li, filwaqt li l-Istati Membri kollha jipprojbixxu l-impjieg illegali u stabbilew sanzjonijiet finanzjarji, amministrattivi jew kriminali, kien hemm lakuni, frammentazzjoni u diskrepanzi; is-severità tas-sanzjonijiet varjat b'mod konsiderevoli, u dan wassal għall-ħtieġa li jkomplu jiġu vvalutati l-proporzjonalità u d-dissważivitá. Dan wera li kien hemm lok għal titjib fl-oqsma kollha li joffru protezzjoni, inklużi talbiet kontra impjegaturi, mekkaniżmi tal-ilmenti u aċċess għall-informazzjoni. Dan żvela wkoll li kienu meħtieġa sforzi sostanzjali biex jittejbu l-ispezzjonijiet u l-prijoritizzazzjoni tagħhom permezz tal-identifikazzjoni sistematika tas-setturi ta' riskju.

[13] L-Istati Membri taw il-kontribut tagħhom dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva permezz ta' kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni.

negozju, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u r-rappreżentanti tal-migranti. Hija tqis ukoll il-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-protezzjoni tal-migranti irregolari mill-isfruttament tal-ħaddiema[14]. Filwaqt li l-Komunikazzjoni tfittex li tfassal triq 'il quddiem, hija tirrikonoxxi li hemm **lakuni sinifikanti fl-informazzjoni** għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni li jagħmluha diffiċli li jintlaħqu konklużjonijiet definittivi dwar l-impatt u l-effettività tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta miżuri konkreti biex jimtlew dawn il-lakuni.

2. Impjieg illegali u sanzjonijiet kontra l-impjegaturi

Sanzjonijiet finanzjarji u kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-impjieg illegali jibqgħu ta' importanza kruċjali biex jitnaqqsu l-inċentivi għall-impjegaturi biex jingaġġa migranti irregolari. Is-sanzjonijiet għandhom jikkontrobilanċjaw il-vantaġġi ekonomiċi tal-ingaġġ ta' migranti irregolari. Is-sanzjonijiet kontra l-impjegaturi għandhom jirriflettu wkoll is-serjetà tar-reat u jirrispondu b'mod proporzjonat għas-severità tal-ksur u jiżdiedu f'każijiet ta' kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi (eż. ksur persistenti, għadd sinifikanti ta' migranti irregolari impjegati, u l-impjieg ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin). L-applikazzjoni effettiva u proporzjonali tas-sanzjonijiet tkun **dissważiva** meta r-riskji li wieħed jinqabad u jiġi sanzjonat jegħlbu l-vantaġġi ekonomiċi mill-ingaġġ ta' migranti irregolari.

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, u biex jiġi miġġieled l-impjieg illegali, id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi tiddefinixxi standards minimi għal sanzjonijiet finanzjarji u kriminali kontra min iħaddem u tistabbilixxi miżuri amministrattivi addizzjonali, bħat-telf ta' benefiċċji pubbliċi jew l-esklużjoni minn kuntratti pubbliċi. L-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà biex jiddeterminaw il-livell attwali tas-sanzjonijiet, skont is-sitwazzjoni nazzjonali speċifika, is-severità tal-ksur jew jekk l-impjegatur huwiex persuna fiżika jew ġuridika, u l-Istati Membri jistgħu jintroduċu wkoll standards ogħla minn dawk minimi stabbiliti fid-Direttiva. Fl-istess ħin, huwa ta' importanza primarja li f'żona mingħajr fruntieri interni, u sabiex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari, tittieħed azzjoni kontra l-impjieg illegali fuq bażi komuni u li s-sistemi nazzjonali kollha jaħdmu b'mod effettiv. Il-lakuni fi Stat Membru wieħed jew fi ftit Stati Membri jimminaw l-effett deterrenti fuq l-impjieg illegali u l-migrazzjoni irregolari ta' persuni li jkunu lesti jaħdmu fl-ekonomija informali, b'konsegwenzi fuq il-politika tal-migrazzjoni tal-UE kollha kemm hi.

L-impjieg illegali jseħħ f'ambjenti ekonomiċi differenti, fosthom djar privati, kumpaniji żgħar jew ta' daqs medju u kumpaniji kbar. Huwa importanti li jiġi żgurat li t-tipi kollha ta' impjegaturi jkunu **infurmati u konxji** mill-possibbiltajiet ta' impjieg u reklutaġġ legali, il-passi li għandhom jittieħdu għall-prevenzjoni u l-evitar ta' impjieg illegali kif ukoll ir-riskji u l-konsegwenzi tal-ingaġġ ta' migranti irregolari.

L-**Istati Membri ġeneralment ittrasponew** id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-sanzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, għalkemm l-approċċi magħżula jvarjaw b'mod sinifikanti peress li huma influwenzati minn varjetà ta' fatturi (eż. sistemi nazzjonali differenti ta' sanzjonar, l-impatt soċjali u l-perċezzjoni tal-impjieg illegali, is-sitwazzjonijiet ekonomiċi u l-livelli ta' pagi, l-inċidenza tal-impjieg illegali fl-ekonomija). Dan huwa rifless fid-diversità

[14] Fundamental Rights Agency, Protecting migrants in an irregular situation from labour exploitation: role of the Employers Sanctions Directive (2021), disponibbli fuq: https://fra.europa.eu/en/publication/2021/employers-sanctions-against-exploitation.

sinifikanti fil-firxa u l-iskala tas-sanzjonijiet finanzjarji (it-Tabella 1) u kriminali (it-Tabella 2), kif ukoll fl-għażliet differenti magħmula mill-Istati Membri fl-użu ta' miżuri oħra (eż. l-esklużjoni mill-għajnuna pubblika jew mill-finanzjament tal-UE jew l-esklużjoni mill-kuntratti pubbliċi). Barra minn hekk, hemm ħarsa ġenerali mifruxa u mhux kompluta tal-prosekuzzjonijiet miftuħa kontra min iħaddem u s-sanzjonijiet applikati fil-prattika li jagħmluha **diffiċli li jiġi vvalutat bis-sħiħ l-impatt** tad-Direttiva fl-iżgurar ta' approċċ effiċjenti ta' sanzjonar tal-impjiegi illegali fl-Istati Membri kollha u fl-iżgurar li s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u deterrenti.

2.1. Sanzjonijiet finanzjarji

Id-Direttiva tipprevedi li l-impjegaturi li jingaġġaw migranti irregolari jkunu soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji li għandhom jiżdiedu proporzjonalment mal-għadd ta' migranti irregolari impjegati u jistgħu jitnaqqsu f'każijiet meta l-impjieg ikun għal skopijiet privati (eż. assistenza domestika). Kif diġà ġie rrappurtat fl-2014, l-Istati Membri kollha ttrasponew ir-regoli dwar is-sanzjonijiet finanzjarji kontra l-impjegaturi. Madankollu, minħabba nuqqasijiet ta' informazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji kontra l-impjegaturi fil-prattika, mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat b'mod konklużiv l-impatt f'dan il-qasam. L-informazzjoni limitata disponibbli turi li hemm **differenzi sinifikanti fid-daqs tal-multi applikati** għall-persuni ġuridiċi għal kull migrant irregolari impjegat, b'sanzjonijiet minimi li jvarjaw minn EUR 300 fil-Belġju għal madwar EUR 10 000 fil-Kroazja u sanzjonijiet massimi li jvarjaw minn EUR 3 000 fil-Belġju, Ċipru u l-Estonja sa EUR 43 000 fl-Italja.

Bħala indikazzjoni tal-**proporzjonalità tas-sanzjonijiet**, dawn jistgħu jkunu minn madwar 1,5 darbiet il-paga minima fix-xahar[15] għal 92[16] darba jew saħansitra 700[17] darba l-paga minima fix-xahar fl-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, il-liġijiet nazzjonali fil-maġġoranza tal-Istati Membri[18] jippreskrivu l-ammont jew il-multa minima u kif din tiżdied proporzjonalment ma' kull migrant irregolari impjegat, filwaqt li l-bqija tal-Istati Membri jħallu f'idejn il-ġudikatura biex tiddeċiedi l-ammont preċiż skont l-għadd ta' migranti irregolari involuti[19].

Id-differenza bejn il-livell tal-multi applikati fl-Istati Membri tiddependi fuq varjetà ta' elementi, bħas-sitwazzjoni ekonomika u l-livell tal-paga minima fl-Istat Membru. Barra minn hekk, it-tip ta' impjegatur (eż. unità domestika jew intrapriża) jaffettwa wkoll il-livell u n-natura tas-sanzjonijiet. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li **d-differenza fil-livell tas-sanzjonijiet tkun ġustifikata u s-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi f'kull Stat Membru.**

L-Istati Membri b'sistema ta' sanzjonijiet aktar stretta jqisu li **sanzjonijiet finanzjarji ogħla huma deterrent** tajjeb kontra l-impjieg illegali, filwaqt li l-Istati Membri li japplikaw sanzjonijiet aktar baxxi jew fejn ir-riskju ta' sanzjonijiet jitqies baxx meta mqabbel mal-

[15] Il-Latvja.
[16] Il-Bulgarija s-sanzjonijiet jistgħu jvarjaw minn tlett darbiet sa 92 darba l-paga minima fix-xahar (minn BGN 2 000 sa 60 000).
[17] Fiċ-Ċekja s-sanzjonijiet jistgħu jvarjaw minn ħames darbiet sa 700 darba l-paga minima fix-xahar (minn CZK 50 000 sa CZK 10 000 000).
[18] Il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja.
[19] Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Portugall u l-Finlandja.

profitti potenzjali minn impjieg illegali sabu li s-**sanzjonijiet mhumiex deterrent suffiċjenti**[20]. Għalhekk huwa indikattiv li ħdax-il Stat Membru biddlu l-leġiżlazzjoni tagħhom mill-2014 u żidu l-ammont tal-multa imposta. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tindika wkoll li, fil-prattika, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri s-sanzjonijiet u l-penali imposti fuq l-impjegaturi mhumiex severi biżżejjed biex jiddiswadu lill-impjegaturi milli jirrikorru għall-impjieg illegali[21]. Barra minn hekk, il-ħidma tal-Pjattaforma Ewropea Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat turi li, lil hinn minn sistema ta' sanzjonijiet li tiffunzjona tajjeb u l-infurzar tagħhom, strutturi tajbin u ċari huma daqstant ieħor importanti biex jimmotivaw u jiffaċilitaw il-konformità[22].

2.2. Sanzjonijiet kriminali

Skont id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi, sanzjonijiet kriminali (li jistgħu jkunu multi kriminali, sentenzi ta' ħabs jew pieni oħra) jiġu applikati għal **każijiet serji ta' impjieg illegali** b'ċirkostanzi aggravanti bħal ksur ripetut, impjegar ta' għadd sinifikanti ta' migranti irregolari jew l-impjegar tagħhom b'kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, jew l-impjegar ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u ta' minorenni. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-impjieg illegali jikkostitwixxi reat kriminali fih innifsu[23] filwaqt li l-bqija tal-Istati Membri b'mod ġenerali kkriminalizzaw l-impjieg illegali fiċ-ċirkostanzi kollha previsti mid-Direttiva[24].

Mill-2014 'l hawn, sar **xi progress b'bidliet leġiżlattivi** fl-Italja, fil-Ġermanja, fi Franza u fl-Iżvezja li jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fil-prattika[25]. Pereżempju, l-Italja neħħiet ir-rekwiżit li l-isfruttament jeħtieġ li jseħħ permezz ta' vjolenza, theddid u intimidazzjoni u kklassifikat l-ingaġġar jew is-soġġezzjoni tal-impjegati għal xogħol b'kundizzjonijiet ta' sfruttament bħala reat kriminali. Il-Ġermanja kkriminalizzat l-isfruttament u l-iskop li jsir qligħ fih innifsu, u mhux biss l-att li persuna tiġi mġiegħla taħdem b'mod li jisfruttaha. Franza estendiet il-kompetenzi tal-ispettorat tax-xogħol biex jinkludu r-reġistrazzjoni ta' reati tat-traffikar tal-bnedmin, ix-xogħol furzat u s-servitù. L-Iżvezja adottat leġislazzjoni li ssaħħaħ il-kriminalizzazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin li tindirizza l-isfruttament billi tiżgwida jew tuża s-sitwazzjoni dipendenti ta' persuna oħra, il-vulnerabbiltà jew is-sitwazzjoni diffiċili tagħha u l-isfruttament permezz tax-xogħol furzat.

Madankollu, hemm differenzi fis-severità tas-sanzjonijiet kriminali bejn l-Istati Membri kif muri fit-Tabella 2, kemm f'termini ta' tul ta' sentenza ta' priġunerija possibbli, li jvarjaw minn tmient ijiem għal 12-il sena, kif ukoll l-ammont tal-multa applikata. Barra minn hekk,

[20] European Migration Network Synthesis Report – Illegal employment of Third Country Nationals in the European Union (2017), p. 30

[21] Fundamental Rights Agency, Severe labour exploitation: workers moving within or into the European Union (2015), p. 18-19.

[22] Il-librerija virtwali tal-Pjattaforma Ewropea Kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat tista' tiġi aċċessata permezz ta': https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1495&langId=mt

[23] Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

[24] L-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra min Iħaddem: Meta l-ksur ikun intenzjonat u jitwettaq b'mod persistenti, ikun jinvolvi għadd sinifikanti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew minorenni, meta l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu abbużivi jew fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun vittma tat-traffikar tal-bnedmin.

[25] Fundamental Rights Agency, Protecting migrants in an irregular situation from labour exploitation: role of the Employers Sanctions Directive (2021), p. 35.

hemm lakuna sinifikanti fl-informazzjoni dwar l-applikazzjoni fil-prattika ta' sanzjonijiet kriminali kontra l-impjegaturi u l-għadd ta' proċedimenti mnedija. Dawn l-elementi jindikaw il-fatt li d-**Direttiva kellha impatt limitat** biex tiskoraġġixxi l-impjieg illegali permezz ta' sanzjonijiet u għadha ma rnexxilhiex tistabbilixxi qafas effiċjenti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi madwar l-UE. Il-feedback ipprovdut mill-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, miġbur matul konsultazzjonijiet immirati apposta dwar is-suġġett, jappoġġa tali konklużjoni peress li jikkonferma li s-**sanzjonijiet għal impjegaturi li jisfruttaw jidhru li huma inqas mill-benefiċċji miksuba** permezz tax-xogħol mhux iddikjarat u d-dumping soċjali. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk il-livell ta' sanzjonijiet kriminali applikati fil-livell nazzjonali huwiex deterrent biżżejjed u jikkontribwixxi għal qafas effiċjenti ta' sanzjonijiet kontra l-impjieg illegali.

2.3. Miżuri amministrattivi oħra

Minbarra s-sanzjonijiet finanzjarji u kriminali, f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jimponu miżuri amministrattivi oħra kontra l-impjegaturi, bħat-telf ta' benefiċċji pubbliċi, l-esklużjoni mill-kuntratti pubbliċi, l-irkupru ta' sussidji pubbliċi, l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti jew l-irtirar tal-liċenzja biex joperaw. Id-Direttiva tipprevedi wkoll il-possibbiltà ta' "name and shame" u l-pubblikazzjoni ta' lista ta' impjegaturi li wettqu reat kriminali.

Hawnhekk ukoll, l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri inkluż dwar it-tul tal-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri addizzjonali. Barra minn hekk, disa' Stati Membri[26] biss jinkludu l-erba' miżuri amministrattivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u, għalkemm l-Istati Membri kollha jinkludu mill-inqas waħda mill-miżuri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, **fil-prattika tmien Stati Membri[27] biss irrapportaw li applikawhom**, u dan jagħmilha diffiċli biex jiġu evalwati bis-sħiħ l-effettività u l-impatt ta' dawn il-miżuri.

L-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operat jidher li huwa l-aktar miżura applikata[28], filwaqt li tliet Stati Membri[29] biss japplikaw telf ta' benefiċċji pubbliċi u esklużjoni minn kuntratti pubbliċi u l-ebda Stat Membru ma jirrapporta rkupru ta' sussidji pubbliċi. Sitt Stati Membri[30] biss jipprevedu l-possibbiltà li tiġi ppubblikata lista tal-impjegaturi responsabbli għall-impjieg illegali. Miżuri addizzjonali, bħall-esklużjoni mill-akkwist pubbliku u mill-finanzjament nazzjonali u tal-UE, **għadhom mhux qed jintużaw biżżejjed minkejja l-potenzjal tagħhom** li jiddiswadu lill-impjegaturi milli jingaġġaw migranti irregolari[31].

[26] Il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Iżvezja.
[27] Il-Belġju, il-Greċja, Franza, l-Ungerija, il-Kroazja, in-Netherlands, is-Slovenja u s-Slovakkja.
[28] Ħames Stati Membri biss (il-Belġju, il-Greċja, Franza, il-Kroazja u n-Netherlands) irrappurtaw li applikaw din il-miżura fil-perjodu mill-2012 sal-2019.
[29] l-Ungerija, is-Slovenja u s-Slovakkja
[30] Il-Bulgarija, Ċipru, Franza, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija.
[31] Feedback ipprovdut mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) u mill-Pjattaforma għall-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Migranti mingħajr Dokumenti (PICUM) bħala parti mill-konsultazzjonijiet immirati

Jidher ukoll li fil-prattika l-ħaddiema mingħajr dokumenti spiss jistgħu jiġu impjegati permezz ta' relazzjonijiet tax-xogħol kumplessi li jinvolvu **arranġamenti ta' sottokuntrattar**, reklutaturi u aġenziji tax-xogħol temporanji, kif ukoll permezz ta' **pjattaformi online li jipprovdu xogħol għal żmien qasir** (eż. twassil tal-ikel u l-ikliet, servizz tat-trasport), u dan iżid id-diffikultà fl-identifikazzjoni ta' impjegaturi li jimpjegaw migranti irregolari. F'dan ir-rigward, ir-responsabbiltà tal-katina kollha tal-impjegaturi hija maħsuba biex tipproteġi lill-migranti speċjalment f'dawk is-setturi ekonomiċi fejn is-sottokuntrattar huwa mifrux, bħall-kostruzzjoni[32], kif ukoll fil-qasam ekonomiku li għadu kif feġġ ta' xogħol fuq pjattaforma online.

Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jaħsbu li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom **impatt limitat fuq il-proċeduri tal-ilmenti u fid-determinazzjoni tar-responsabbiltà tal-katina** fid-dawl tal-probabbiltà li kuntrattur li jkun wettaq l-obbligi tad-diliġenza dovuta jinżamm mhux responsabbli kif permess fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva. Pereżempju, fil-Belġju[33], l-"obbligi tad-diliġenza dovuta" tal-kuntrattur jiġu ssodisfati billi sempliċiment tinħareġ dikjarazzjoni bil-miktub minn sottokuntrattur li huma ma jimpjegawx jew mhumiex se jimpjegaw migranti irregolari, u b'hekk il-kuntrattur prinċipali jiġi eżentat mir-responsabbiltajiet kollha. **L-Istati Membri għandhom jagħmlu aktar biex iżommu lill-kuntratturi ewlenin** responsabbli għall-ksur fil-katina tas-sottokuntrattar inkluż l-intermedjarji għall-impjieg irregolari minħabba s-similaritajiet fir-rwol tagħhom mar-rwol tal-impjegaturi.

2.4.Azzjonijiet biex titjieb l-effettività tas-sanzjonijiet kontra l-impjegaturi

Minkejja li l-Istati Membri ġeneralment ittrasponew id-Direttiva, **mhuwiex possibbli li jintlaħqu konklużjonijiet sodi** dwar jekk is-sanzjonijiet applikati fil-prattika humiex deterrenti, effettivi u proporzjonati u jekk għandhomx impatt sinifikanti fuq il-prevenzjoni tal-impjieg illegali ta' migranti irregolari.

Għalkemm l-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà biex jiddeterminaw l-aktar livelli xierqa ta' sanzjonijiet fil-livell nazzjonali, huwa meħtieġ fehim komuni dwar x'inhuma fil-prattika sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi u dwar l-impatt tagħhom. Mekkaniżmu ta' rappurtar imtejjeb għandu jiġi kkomplementat minn skambju tal-aħjar prattiki biex wieħed jitgħallem dwar l-approċċi nazzjonali differenti u b'mod partikolari dwar l-approċċi li wrew li huma effettivi u kellhom effett deterrenti.

Il-Kummissjoni se trawwem **it-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki** bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, bl-appoġġ ta' esperti tal-liġi amministrattiva u kriminali, fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Migrazzjoni Irregolari tal-Kummissjoni ddedikat għad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi. L-iskambju ta' prattiki tajba se jippermetti lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri kif meħtieġ **fid-determinazzjoni u fl-adattament tal-livell ta' sanzjonijiet** fil-livell nazzjonali li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi, tiġbor informazzjoni sabiex tippromwovi approċċ aktar konsistenti għas-

[32] Feedback ipprovdut mill-Pjattaforma għall-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Migranti mingħajr Dokumenti (PICUM) bħala parti mill-konsultazzjonijiet immirati.
[33] Eżempju mogħti mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet immirati.

sanzjonijiet u tiżgura li dawn jista' jkollhom impatt fit-tnaqqis tal-impjieg illegali u tal-isfruttament.

Barra minn hekk, jeħtieġ li **ssir sensibilizzazzjoni u li l-impjegaturi jiġu infurmati** dwar ir-riskji u l-konsegwenzi li jiffaċċjaw meta jimpjegaw migranti irregolari, u b'hekk tiżdied id-deterrenza tas-sistema. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' kampanji ta' informazzjoni effettivi, immirati b'mod partikolari lejn l-impjegaturi li joperaw fis-setturi l-aktar f'riskju ta' impjieg illegali u dawk li jista' ma jkollhomx aċċess faċli għal din l-informazzjoni (eż. unitajiet domestiċi, intrapriżi żgħar) li jfittxu l-għarfien espert tal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat. Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju permezz tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

Il-Kummissjoni se:

- tippromwovi d-djalogu bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, bl-appoġġ ta' esperti amministrattivi u tal-liġi kriminali biex tappoġġa lill-Istati Membri fid-determinazzjoni u l-adattament tal-livell tas-sanzjonijiet finanzjarji u kriminali fil-livell nazzjonali, u tiġbor l-informazzjoni rilevanti mill-awtoritajiet nazzjonali;
- tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' prevenzjoni mmirati lejn l-impjegaturi fis-setturi ta' riskju li jfittxu l-għarfien espert tal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat;
  tniedi mill-ġdid il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Migrazzjoni Irregolari tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi bħala netwerk ta' għarfien espert, skambju u appoġġ għall-Istati Membri.

L-Istati Membri jenħtieġ li:

- jivvalutaw il-livell tas-sanzjonijiet finanzjarji u kriminali stabbiliti fil-livell nazzjonali biex jevalwaw jekk humiex effettivi, proporzjonati u dissważivi kontra l-impjieg illegali;
- issaħħu l-attivitajiet għas-sensibilizzazzjoni u għall-għoti ta' informazzjoni lill-impjegaturi dwar il-possibbiltajiet ta' impjieg u reklutaġġ legali, il-passi meħtieġa biex jiġu evitati l-impjiegi illegali u r-riskji u l-konsegwenzi tal-ingaġġar ta' migranti irregolari.

3. Miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti irregolari

L-Artikoli 6(2) u 13 tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi jagħtu lill-migranti irregolari sett ta' drittijiet biex jiżguraw li jkunu infurmati b'mod adegwat dwar l-intitolamenti tagħhom minn impjieg illegali, ikunu jistgħu jressqu lmenti kontra l-ksur tal-liġi tax-xogħol u jitolbu lura pagi mhux imħallsa. Dawn huma dispożizzjonijiet ewlenin **għall-protezzjoni tal-migranti mir-riskju ta' sfruttament u abbuż**: meta l-migranti irregolari jirrappurtaw ksur tal-liġi tax-xogħol u jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet iwassal biex l-impjegaturi jinżammu akkontabbli għall-pagi, it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali mhux imħallsa, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tax-xogħol u jiġu skoperti sitwazzjonijiet ta' sfruttament u abbuż tal-ħaddiema.

Għadhom meħtieġa aktar sforzi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**elementi protettivi tad-Direttiva**, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni, l-aċċess għall-ġustizzja u l-irkupru tal-ħlas b'lura, u l-għoti ta' permessi temporanji ta' residenza.

3.1. Aċċess għall-informazzjoni

L-iżgurar li l-migranti jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u li l-mekkaniżmi ta' appoġġ għat-tressiq tal-ilmenti u l-assistenza legali jkunu disponibbli huwa **prerekwiżit għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja** għall-migranti irregolari, b'mod partikolari għal dawk li huma vittmi ta' impjegaturi abbużivi. Id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi tipprovdi l-għodod għall-migranti irregolari biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv, filwaqt li tiżgura li huma jiġu infurmati b'mod sistematiku dwar id-drittijiet tagħhom li jressqu talbiet għal ħlas b'lura ta' remunerazzjoni qabel l-infurzar ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn, li jkunu jistgħu jirċievu kwalunkwe ħlas b'lura ta' remunerazzjoni anke wara li jkunu rritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom u jkunu jistgħu jressqu lmenti kontra l-impjegaturi direttament jew permezz ta' partijiet terzi (ara t-taqsima 3.2). Id-Direttiva għalhekk tiggarantixxi li l-migranti li jaħdmu fl-UE mingħajr dritt ta' soġġorn jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv fl-UE, iżda wkoll minn barra l-UE meta rilevanti; Drittijiet bħal dawn iridu jiġu rispettati anke meta l-proċeduri ta' ritorn tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[34] ikunu applikabbli, b'mod partikolari ladarba tiġi konkluża l-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni individwali tal-ħaddiem migrant u jiġi ddeterminat l-istatus ta' migrazzjoni tagħhom.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri **jipprovdu biss informazzjoni ġenerali dwar id-drittijiet tal-impjegati u mhux informazzjoni mmirata li hija rilevanti għas-sitwazzjoni speċifika tal-ħaddiema migranti irregolari**. F'xi każijiet, **l-informazzjoni hija limitata** għal kunsiderazzjonijiet ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u ma tinkludix informazzjoni dwar remunerazzjoni mhux imħallsa. Barra minn hekk, filwaqt li Stati Membri oħra[35] jipprovdu informazzjoni mmirata, dan spiss isir biss bħala parti mill-proċedura ta' ritorn[36]. Din is-sitwazzjoni għandha **impatt negattiv fuq il-migranti irregolari**, li mhumiex infurmati biżżejjed dwar il-possibbiltà li jintroduċu talba jew li jirċievu pagi mhux imħallsa qabel ma jirritornaw lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

Id-Direttiva ma tistabbilixxix regoli dwar il-modalitajiet għall-għoti ta' informazzjoni lill-migranti irregolari, u l-prattiki nazzjonali jvarjaw fir-rigward ta' **meta tiġi pprovduta l-informazzjoni, kif ukoll minn min u kif**[37]. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri l-ispetturi tax-xogħol huma meħtieġa jinfurmaw lill-ħaddiema dwar id-drittijiet tagħhom u din hija prattika tajba li l-Istati Membri kollha għandhom isegwu. Madankollu, hemm ukoll modalitajiet oħra. Pereżempju, fl-Awstrija l-informazzjoni tingħata f'ċentru ta' akkoljenza għall-ħaddiema mingħajr dokumenti, filwaqt li fl-Italja tingħata permezz ta' formola speċifika li tispjega d-

[34] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

[35] L-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, Franza, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, is-Slovakkja u s-Slovenja.

[36] Eż. il-Kroazja, Ċipru, il-Portugall u s-Slovakkja.

[37] Ir-Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017), p. 36.

drittijiet tal-ħaddiema migranti irregolari, inkluż l-obbligu tal-impjegatur li jħallas il-pagi, il-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali pendenti u tispjega wkoll kif wieħed jieħu azzjoni kontra l-impjegatur; madankollu, tali informazzjoni ma tingħatax b'mod sistematiku u hija disponibbli biss f'għadd ta' lingwi barranin. Il-Kummissjoni se tħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenzi bejn l-Istati Membri biex tgħin lill-isforzi biex itejbu l-mod li bih din l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-ħaddiema migranti irregolari u żżid is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-possibbiltajiet eżistenti.

Il-**livell baxx ta' għarfien mill-migranti irregolari tad-drittijiet tagħhom** huwa wieħed mill-fatturi ta' riskju għall-isfruttament tax-xogħol, peress li l-migranti irregolari jistgħu ma jkunux jistgħu jidentifikaw riskji bħal dawn huma stess u **dan jindika l-ħtieġa li jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni** mill-intermedjarji tax-xogħol, mill-aġenziji tal-kollokament kif ukoll mill-awtoritajiet tal-infurzar (inklużi l-ispettorati tax-xogħol) biex jipprovdu informazzjoni lill-ħaddiema migranti irregolari dwar id-drittijiet tagħhom u fejn imorru għall-appoġġ u r-rimedju Il-partijiet ikkonċernati indikaw ukoll l-istess problema u l-ħtieġa konsegwenti[38].

Il-fatt li l-informazzjoni pprovduta lill-migranti spiss tkun limitata, mhux ipprovduta sistematikament u mhux immirata għas-sitwazzjoni speċifika tal-ħaddiema migranti irregolari, **jaffettwa b'mod negattiv l-objettiv tad-Direttiva li tipprovdi informazzjoni oġġettiva u affidabbli lill-migranti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom**. Madankollu, ir-rappurtar insuffiċjenti mill-Istati Membri dwar l-għadd ta' talbiet għall-ħlas b'lura introdotti u konklużi b'suċċess u dwar il-każijiet miftuħa kontra impjegaturi abbużivi abbażi ta' rappurtar minn ħaddiema migranti irregolari ma jippermettux, f'dan l-istadju, li tiġi sostanzjata din l-evidenza emerġenti.

3.2. Aċċess għall-ġustizzja u remunerazzjoni u għoti ta' permessi temporanji ta' residenza

Anke meta jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, **il-ħaddiema migranti irregolari jistgħu jiġu skoraġġuti milli jressqu lmenti** kontra l-impjegaturi biex jirkupraw pagi mhux imħallsa jew biex jiddenunzjaw sitwazzjonijiet possibbli ta' sfruttament minħabba l-possibbiltà li jiġu ordnati jirritornaw, jitilfu l-introjtu tagħhom u, f'xi każijiet, ir-ritaljazzjoni tal-impjegaturi. Sabiex jiġi evitat li sitwazzjonijiet bħal dawn jimminaw l-aċċess xieraq għall-ġustizzja, id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi tirrikjedi l-istabbiliment ta' **mekkaniżmi speċifiċi li permezz tagħhom il-migranti irregolari jistgħu jressqu lment** lill-awtoritajiet kompetenti jew direttament jew permezz ta' partijiet terzi (eż. trade unions, assoċjazzjonijiet tal-impjegati u organizzazzjonijiet mhux governattivi) inkluż meta ma jkunux għadhom preżenti fl-Istat Membru[39]. Il-ħaddiema migranti irregolari jistgħu jirċievu wkoll appoġġ minn dawn il-partijiet terzi fi proċedimenti amministrattivi jew ċivili[40]. Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jappoġġaw ukoll l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-

[38] Feedback ipprovdut mill-Pjattaforma għall-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Migranti Mingħajr Dokumenti (PICUM) u l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) bħala parti mill-konsultazzjonijiet immirati.

[39] Malta biss teħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun preżenti personalment biex iressaq ilment.

[40] L-approvazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, biex persuna oħra taġixxi f'ismu, hija meħtieġa fil-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, Malta, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

Vittmi[41] u jiżguraw li l-migranti irregolari li huma vittmi tal-kriminalità, b'mod partikolari r-reati kriminali definiti mid-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi, ma jiġux imċaħħda mill-aċċess għall-ġustizzja[42].

L-Istati Membri għażlu modalitajiet differenti biex jistabbilixxu **mekkaniżmu effettiv għall-ilmenti**. Studju mwettaq mill-Pjattaforma għall-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Migranti mingħajr Dokumenti (PICUM)[43] juri li fi 13-il Stat Membru[44] (mill-15 koperti mill-istudju) hemm proċeduri ċivili u amministrattivi li permezz tagħhom il-ħaddiema jistgħu jressqu talbiet għal pagi mhux imħallsa u fi 11-il Stat Membru[45] hemm ukoll korp ta' spezzjoni kompetenti biex jieħu l-ilmenti individwali tal-ħaddiema dwar kwistjonijiet relatati ma' ħlas bin-nieqes tal-pagi. Il-prattika turi wkoll li filwaqt li l-migranti li jinstabu li huma impjegati illegalment (irrispettivament minn jekk ikunux qed jissoġġornaw regolarment jew b'mod irregolari) jistgħu jressqu talbiet għal kumpens ta' pagi mhux imħallsa f'għoxrin Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk b'kuntratt ta' impjieg validu[46], fil-prattika **l-mekkaniżmi tal-ilmenti jistgħu joperaw b'mod aktar effiċjenti** [47] . L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali[48] turi li, f'xi Stati Membri, il-migranti f'sitwazzjoni irregolari mhumiex qed jużaw is-sistemi ta' lmenti eżistenti. Dan jista' jkun minħabba għadd ta' raġunijiet: nuqqas ta' inċentivi għall-ħaddiema biex jitkellmu; informazzjoni limitata dwar id-drittijiet tagħhom u l-mekkaniżmu disponibbli għall-ilmenti; ostakli ekonomiċi bħal tariffi tas-sħubija fit-trejdjunjins li jassistu lill-membri biss; u, l-aktar, il-biża' li jiġu identifikati, detenuti u ritornati.

Il-**kooperazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi** hija essenzjali biex jiġu ffaċilitati l-ilmenti, peress li dawn spiss ikollhom kuntatt dirett mal-ħaddiema u jistgħu jissensibillizzaw, jinformaw lill-migranti irregolari dwar id-drittijiet tagħhom, jibnu fiduċja reċiproka u jgħinu lill-ħaddiema jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' xogħol mhux iddikjarat u l-isfruttament tax-xogħol sabiex iressqu lment. Ir-rwol tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi huwa importanti ħafna wkoll biex jiffaċilita l-ilmenti u jesponi s-sitwazzjoni ta' sfruttament u jnaqqas il-biża' tal-migranti irregolari li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' ritorn jekk jinqabdu mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni. Fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, il-liġi tagħti rwol importanti lil dawn

[41] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012).

[42] Skont id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, id-drittijiet tal-vittmi għandhom japplikaw għall-vittmi b'mod mhux diskriminatorju, indipendentement mill-istatus ta' residenza tagħhom.

[43] Pjattaforma għall-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Migranti mingħajr Dokumenti (PICUM), A worker is a worker: How to Ensure that Undocumented Migrant Workers Can Access Justice, (2020), p.21.-22.

[44] L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja.

[45] Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja.

[46] Ir-Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017).

[47] Fundamental Rights Agency, Protecting migrants in an irregular situation from labour exploitation: role of the Employers Sanctions Directive (2021), p. 12.

[48] Idem p. 5.

il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari lit-trejdjunjins[49], fi ħdan il-mekkaniżmu nazzjonali għall-faċilitazzjoni tat-tressiq tal-ilmenti.

Minbarra d-diffikultajiet fil-preżentazzjoni tal-ilmenti, il-migranti irregolari jħabbtu wiċċhom ukoll ma' ostakli biex jirċievu remunerazzjonijiet mhux imħallsa. Filwaqt li d-Direttiva tippreskrivi li l-paga għandha tkun preżunta li hija minn tal-inqas daqs il-paga minima[50] u minn tal-inqas għal tliet xhur, il-partijiet ikkonċernati jindikaw **għadd ta' lakuni fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni minima fil-prattika**. Dan huwa dovut, pereżempju, għan-nuqqas ta' għarfien dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti fost l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jew tal-professjonisti li jassistu u jagħtu pariri lill-ħaddiema migranti irregolari. Fil-prattika, il-migranti irregolari jistgħu jiffaċċjaw sitwazzjonijiet fejn il-preżunzjoni ta' minimu ta' tliet xhur ta' impjieg ma tippreżumix impjieg full-time[51] filwaqt li jkollhom jipprovdu prova tas-sigħat maħduma u diversi tipi ta' evidenza, bħal messaġġi, ritratti jew testimonjanzi[52]. Barra minn hekk, il-migranti irregolari jiffaċċjaw ostakli biex fil-fatt jirċievu l-ħlas tal-pagi, minħabba t-tul jew l-ispejjeż tal-proċess ġudizzjarju, l-ostakli għall-ftuħ ta' kontijiet bankarji mingħajr residenza legali, l-istrateġiji tal-impjegaturi biex jevadu l-ħlas [53] jew l-isfidi għall-aċċess għall-finanzjament f'każ ta' insolvenza tal-impjegatur[54] jew ta' ritorn.

Filwaqt li d-Direttiva tippermetti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati illegalment li jitolbu ħlas b'lura wara li jkunu rritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, **il-mekkaniżmi biex jiġu ffaċilitati t-talbiet minn persuni li ma jkunux għadhom fl-Istat Membru jidhru li huma assenti bi** ftit Stati Membri biss li għandhom mekkaniżmi speċifiċi ta' rkupru[55]. Madankollu, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi effettivi huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-migranti irregolari li jirritornaw qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti biex jitolbu lura l-pagi mhux imħallsa tagħhom ma jkunux żvantaġġati fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom. Fil-Belġju, jekk l-ispetturi tax-xogħol jiddeterminaw li l-pagi ma tħallsux b'mod korrett u f'każijiet fejn il-ħaddiema ma jkunux disponibbli immedjatament, jew ikunu telqu mill-pajjiż, l-impjegaturi huma obbligati li jħallsu s-salarji fil-Fond Federali ta' Depożitu u ta' Kunsinna; madankollu, ma hemm l-ebda dipartiment jew amministrazzjoni li hija inkarigata li tħallas lura l-pagi dovuti jew li tinforma lill-migrant. Fi Franza, f'każijiet fejn il-migrant irregolari jkun f'detenzjoni jew ma jkunx għadu fil-pajjiż, il-pagi jiġu ddepożitati fl-Uffiċċju tal-Immigrazzjoni u l-Integrazzjoni (OFII) u mbagħad jitħallsu lill-migrant. Barra minn hekk, l-OFII għandu d-dritt jirkupra l-pagi, bil-kooperazzjoni tad-dipartiment fiskali jekk l-impjegatur jonqos milli jħallas lill-migrant fi żmien 30 jum.

[49] Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra l-Italja, Malta, is-Slovenja u l-Finlandja.

[50] F'għadd ta' Stati Membri, bħall-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Rumanija, ċittadin ta' pajjiż terz b'soġġorn legali jiġi assimilat bħala impjegat legali fejn japplikaw il-pagi minimi.

[51] Pereżempju, il-Ġermanja u l-Awstrija.

[52] Feedback mogħti mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU).

[53] Bħal tibdil fl-istrutturi tal-kumpanija jew l-għeluq tan-negozju u t-trasferiment tal-assi tagħhom mingħajr ma jitolbu uffiċjalment għal falliment, jew sempliċement jirrifjutaw li jħallsu.

[54] L-Istat ta' spiss l-ewwel jirkupra l-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali li huma dovuti anke jekk dan ifisser li l-ħaddiem imbagħad ma jirċevix ir-remunerazzjoni tiegħu.

[55] Il-Belġju, il-Greċja u Franza biss irrappurtaw li għandhom mekkaniżmi bħal dawn — Ir-Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017).

Sabiex jiġu protetti l-vittmi ta' **sfruttament gravi u t-tfal**, biex jiġu ffaċilitati l-ilmenti sabiex dawn ir-reati serji jiġu skoperti u kkastigati, u biex jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-pagi mhux imħallsa, l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri **jagħtu permessi temporanji ta' residenza** lill-migranti irregolari, marbuta mat-tul tal-investigazzjoni rilevanti jew mal-proċedura kriminali ġudizzjarja jew mar-rieda li jikkooperaw mal-awtoritajiet[56]. Dawn il-permessi jistgħu jiġu estiżi sakemm jirċievu l-ħlasijiet b'lura tar-remunerazzjoni[57]. Dawn il-permessi normalment jinħarġu għal perjodi ta' bejn sitt xhur u sena u jistgħu jiġu estiżi[58]. F'diversi Stati Membri[59] l-permessi temporanji ta' residenza jistgħu jiġu estiżi sakemm il-vittma tkun ħallset il-paga dovuta; madankollu, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar kemm-il darba tiġi applikata din id-dispożizzjoni.

Aktar minn nofs l-Istati Membri[60] għandhom leġiżlazzjoni domestika li tipprevedi permessi temporanji ta' residenza speċifiċi għall-vittmi ta' kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi, filwaqt li l-oħrajn joħorġuhom f'sitwazzjonijiet ta' traffikar tal-bnedmin. Madankollu, ħames Stati Membri biss[61] irrapportaw li taw tali permessi ta' residenza minħabba sfruttament tax-xogħol lil migranti irregolari fl-2018 u fl-2019, u l-biċċa l-kbira ngħataw minn Franza, segwita mill-Iżvezja, iċ-Ċekja, il-Ġermanja u l-Polonja. L-Iżvezja rrappurtat ukoll l-għoti ta' permessi ta' residenza lil minorenni impjegati illegalment.

Filwaqt li d-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi kellha **impatt pożittiv** f'dan il-qasam, peress li wasslet għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi speċifiċi għall-ilmenti u għall-possibbiltà li jingħataw permessi ta' residenza temporanji, il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati juru li fil-prattika l-migranti irregolari li esperjenzaw sfruttament tal-ħaddiema jiffaċċjaw **sfidi fl-aċċess għall-proċeduri tal-permess ta' residenza** jew fil-kundizzjonijiet dwar l-għoti tal-permessi. Il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw li l-vittmi jiffaċċjaw nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni u pariri legali dwar id-disponibbiltà tal-permessi u dwar kif għandhom japplikaw jew jitolbu kunsiderazzjoni, dwar l-għoti ta' permessi li spiss ikunu marbuta ma' akkużi kriminali kontra impjegaturi partikolari, u dwar il-fatt li l-permess ikun jiddependi fuq il-parteċipazzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, għalkemm dan mhuwiex meħtieġ mid-Direttiva.

3.3. Azzjonijiet biex titjieb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti

L-aċċess għall-informazzjoni u l-ġustizzja, l-irkupru ta' ħlasijiet b'lura u l-faċilitazzjoni tal-ilmenti jikkostitwixxu l-qofol tal-miżuri protettivi tad-Direttiva mfassla biex jirrimedjaw l-inġustizzji mġarrba mill-migranti irregolari. L-evidenza ċirkostanzjali u r-rapporti tal-partijiet ikkonċernati jindikaw li l-migranti irregolari jiffaċċjaw **nuqqas ta' aċċess effettiv għall-informazzjoni u għall-mekkaniżmi tal-ilmenti**. In-nuqqas ta' *data* dwar l-użu tal-mekkaniżmu tal-ilmenti u l-ħruġ ta' permessi temporanji ta' residenza ma jippermettix li jintlaħqu konklużjonijiet sodi dwar din il-kwistjoni.

[56] L-Artikolu 13(4) tad-Direttiva.
[57] L-Artikolu 6(5) tad-Direttiva.
[58] Il-permess ta' residenza temporanju jingħata għal sitt xhur f'Ċipru, l-Ungerija, l-Italja, ir-Rumanija, l-Iżvezja (li jista' jiġġedded), għal sena fil-Ġermanja u l-Kroazja u għal tliet xhur fis-Slovakkja (li jista' jiġġedded).
[59] L-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Iżvezja.
[60] Fundamental Rights Agency, Protecting migrants in an irregular situation from labour exploitation: role of the Employers Sanctions Directive (2021).
[61] Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Franza, il-Polonja u l-Iżvezja.

Mekkaniżmi effettivi tal-ilmenti jippermettu lill-awtoritajiet jippjanaw u jimmiraw aħjar l-ispezzjonijiet tax-xogħol tagħhom, jibnu każijiet b'saħħithom kontra impjegaturi abbużivi f'kooperazzjoni ma' ħaddiema migranti irregolari u partijiet terzi, u fl-aħħar mill-aħħar iżommu lil dawk l-impjegaturi akkontabbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-**mekkaniżmi tal-ilmenti jkunu faċilment aċċessibbli** u jqisu l-kunfidenzjalità għax din tista' tħeġġeġ it-tressiq ta' lmenti minn ħaddiema migranti irregolari u l-iżvelar ta' każijiet ta' sfruttament. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu **politiki jew protokolli ta' rappurtar sikur** biex jiżguraw li l-ħaddiema migranti irregolari jkunu jistgħu jirrapportaw lill-impjegaturi bi ksur u jinvolvu ruħhom fl-infurzar tal-liġi mingħajr ma jiffaċċjaw ir-riskju li s-sitwazzjoni migratorja tagħhom taffettwa l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom. Fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Migrazzjoni Irregolari ddedigat tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar is-Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi, il-Kummissjoni se tippromwovi l-**iskambju ta' prattiki tajba biex tidentifika mekkaniżmi effettivi** biex jintalab ħlas b'lura, titwassal ir-remunerazzjoni u jitressqu l-ilmenti — filwaqt li tqis il-ħtieġa għal politiki jew protokolli ta' rappurtar sikur — inkluż wara li migrant ikun irritorna lejn pajjiżu.

Is-**sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi** għandhom ukoll rwol ċentrali fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-miżuri protettivi tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegauti u biex iżidu l-ħidma biex tagħhom biex jilħqu lill-migranti irregolari. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ id-**djalogu mas-sħab soċjali** u mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirrappreżentaw lill-ħaddiema mingħajr dokumenti u se tinvolvi ruħha mal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat meta tiżviluppa dawn l-attivitajiet.

Huwa meħtieġ li **jittejjeb l-aċċess għal informazzjoni oġġettiva u sistematika** għall-ħaddiema migranti irregolari dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-mekkaniżmi biex isibu appoġġ u rimedju. Bl-appoġġ tal-fondi tal-UE, l-Istati Membri għandhom **jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni**, f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, immirati lejn il-ħaddiema migranti irregolari. F'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni se tiżviluppa taħriġ iddedikat għall-ispetturi biex jipprovdu informazzjoni lill-ħaddiema migranti irregolari dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif għandhom iressqu talbiet permezz ta' mekkaniżmi ta' remunerazzjoni, inkluż wara li jirritornaw lejn pajjiżhom.

Il-Kummissjoni se:

- tappoġġa l-iskambju ta' prattiki tajba dwar mekkaniżmi effettivi għall-ilmenti u politika jew protokolli prattiċi biex jiġi ffaċilitat l-involviment tal-ħaddiema migranti irregolari fl-infurzar tal-liġi;
- tniedi djalogu mas-sħab soċjali, mal-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi, mat-trejdjunjins u mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tfittex l-għarfien tal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat;
- tappoġġa l-iżvilupp ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni għall-ħaddiema migranti irregolari dwar id-drittijiet tagħhom, f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, mat-trejdjunjins u mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

L-Istati Membri jenħtieġ li:

- ittejbbu l-aċċessibbiltà tal-mekkaniżmi tal-ilmenti biex iħeġġu lill-migranti irregolari jressqu lmenti f'każijiet ta' impjieg u sfruttament illegali;
- jistabbilixxu politiki jew protokolli ta' rappurtar sikur għall-ħaddiema migranti irregolari biex jinvolvu ruħhom fl-infurzar tal-liġi mingħajr ma jirriskjaw l-istatus ta' migrazzjoni tagħhom li jaffettwa l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom;
- jappoġġaw lit-trejdjunjins u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' informazzjoni u pariri, assistenza legali u servizzi oħra lill-ħaddiema migranti irregolari.

4. Spezzjonijiet

4.1. Spezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri

L-ispezzjonijiet huma **l-aktar għodda importanti** biex jiġu identifikati l-impjegaturi li jingaġġaw migranti irregolari u sitwazzjonijiet ta' sfruttament. Huwa abbażi tar-riżultati tal-ispezzjonijiet li l-impjegaturi jistgħu jinżammu akkontabbli u jiġu sanzjonati, u li jiġu stabbiliti l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-ħaddiema migranti irregolari soġġetti għal sfruttament. L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw spezzjonijiet effettivi u adegwati bbażati fuq valutazzjonijiet tar-riskju li jidentifikaw is-setturi ta' attività fl-akbar riskju, li mingħajrhom huwa impossibbli li jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi.

Peress li d-Direttiva ma tgħid xejn dwar id-definizzjoni tal-ispezzjonijiet "effettivi u adegwati", il-prattika fost l-Istati Membri tvarja billi tindika **diversi fatturi li jillimitaw l-effettività tal-ispezzjonijiet**: l-identifikazzjoni tas-setturi ekonomiċi fl-aktar riskju ta' impjieg illegali, il-livelli baxxi ta' spezzjonijiet imwettqa fl-Istati Membri (inkluż fis-setturi fl-akbar riskju ta' impjieg illegali), in-nuqqas ta' riżorsi u d-diffikultajiet fl-involviment mal-migranti sfruttati identifikati matul l-ispezzjonijiet.

Kif diġà ġie indikat, hemm **lakuni importanti fid-*data* tal-ispezzjonijiet** ippreżentata mill-Istati Membri. Barra minn hekk, biex l-ispezzjonijiet ikunu effettivi, jeħtieġ li jkunu mmirati, b'enfasi fuq is-**setturi l-aktar esposti għar-riskju ta' impjieg illegali** fl-Istati Membri.

Huwa f'dawk l-oqsma li l-ispezzjonijiet huma meħtieġa l-aktar. L-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju biex jiddeterminaw tali oqsma ta' riskju[62], bl-użu ta' linji gwida nazzjonali jew ta' pjanijiet ta' azzjoni annwali, *data* miġbura u riżultati minn spezzjonijiet preċedenti, ilmenti, senjalazzjonijiet għal riferimenti minn awtoritajiet nazzjonali oħra. Jidher li s-setturi l-aktar affettwati mill-impjieg illegali huma simili fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u normalment huma **setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema u b'livell baxx ta' ħiliet/pagi baxxi** b'rata għolja ta' dawran tal-persunal. L-aktar setturi komuni tar-riskju jinkludu l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-manifattura, il-kura domestika u l-assistenza soċjali, l-ospitalità u s-servizzi tal-ikel[63]. Madankollu, fir-rappurtar tagħhom lill-Kummissjoni, diversi Stati Membri[64] ma jidentifikawx setturi ta' riskju, u dan jindika l-ħtieġa li l-ispezzjonijiet jiġu prijoritizzati aħjar. Għalkemm is-setturi ta' riskju għandhom it-tendenza li jkunu stabbli maż-żmien, l-iżviluppi ekonomiċi jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' setturi ġodda esposti għar-riskju ta' impjieg illegali, **bħall-ħaddiema fuq pjattaformi**. L-Istati Membri għandhom, għalhekk, jaġġornaw regolarment is-setturi ta' riskju tagħhom.

L-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa mis-sistema attwali probabbli mhux se jiddiswadi lill-impjegaturi milli jimpjegaw migranti irregolari. Is-sehem tal-impjegaturi attivi f'settur soġġett għall-ispezzjonijiet għandu t-tendenza li jkun baxx ħafna; konsegwentement, l-impjegaturi jistgħu jqisu li l-vantaġġ ekonomiku miksub mill-impjiegi illegali huwa ogħla mill-probabbiltà li jiġu skoperti mill-ispezzjonijiet. It-tabelli 3 u 4, li jippreżentaw l-informazzjoni tal-Istati Membri dwar l-ispezzjonijiet imwettqa fis-setturi kollha[65], juru li l-isforzi tal-spezzjonijiet mill-Istati Membri jvarjaw b'mod sinifikanti. Fl-2019, pereżempju, **inqas minn 1 % tal-impjegaturi fis-setturi kollha** sarulhom spezzjonijiet fil-Bulgarija, fl-Estonja, fi Franza, fil-Latvja, fin-Netherlands u fl-Iżvezja; fi tlettax-il Stat Membru, l-ispezzjonijiet koprew bejn 1 % u 10 % tal-impjegaturi[66]; fl-Awstrija l-ispezzjonijiet koprew 14,5 % tal-impjegaturi kollha u l-ispezzjonijiet fis-Slovenja u s-Slovakkja koprew aktar minn 30 % tal-impjegaturi kollha. L-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni turi li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri **l-ispezzjonijiet mhumiex iffukati fuq setturi ta' riskju**, sitwazzjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżit tad-Direttiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra[67] jirrapportaw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol **spiss ikollhom nuqqas ta' persunal u ma jkollhomx riżorsi**, u dan jaffettwa l-għadd u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet imwettqa.

Minbarra li jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' impjieg illegali, l-ispezzjonijiet iservu wkoll **biex jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u sfruttament** speċjalment f'każijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tat-tfal, l-istandards bażiċi tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

[62] Ir-Rapport ta' Sinteżi tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni — Impjieg illegali ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea (2017), p. 20.
[63] Idem p. 14-15.
[64] Iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Litwanja, Malta u r-Rumanija.
[65] Il-Portugall (agrikoltura/forestrija/sajd, kostruzzjoni u akkomodazzjoni/servizzi tal-ikel) jirrapporta biss dwar is-setturi ta' riskju.
[66] Il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Finlandja.
[67] Feedback ipprovdut mill-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) fil-konsultazzjonijiet immirati u mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħa tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar it-traffikar tal-migranti f'Frar 2021.

Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati [68] jenfasizzaw li l-ħaddiema sfruttati huma skoraġġuti milli jirrappurtaw is-sitwazzjoni tagħhom matul l-ispezzjonijiet minħabba r-riskju ta' qbid u ritorn, b'mod partikolari meta l-ispezzjonijiet jitwettqu b'mod konġunt mill-awtoritajiet tal-ispezzjonijiet tax-xogħol u mill-pulizija/l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati għalhekk jippromwovu l-idea li l-ispezzjonijiet tax-xogħol u l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi/tal-immigrazzjoni jiġu sseparati permezz ta' "firewall", li jiggarantixxi li l-migranti irregolari li jinqabdu waqt l-ispezzjonijiet ma jiġux riferuti lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni għall-proċedura ta' ritorn. Barra minn hekk, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tosserva li meta l-ispezzjonijiet jitwettqu b'mod konġunt bejn l-awtoritajiet tax-xogħol u l-unitajiet kontra t-traffikar jew unitajiet speċjalizzati oħra mħarrġa fl-isfruttament tal-ħaddiema, dawn jistgħu **jgħinu biex jiġu identifikati migranti li huma vittmi tal-isfruttament tax-xogħol jew tat-traffikar tal-bnedmin**.

Il-mekkaniżmi li jiffaċilitaw l-ilmenti kontra l-impjegaturi permezz ta' partijiet terzi nominati bħal trejdjunjins jew organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom l-għan li jiggarantixxu li jinkixfu sitwazzjonijiet ta' sfruttament u li jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti. L-implimentazzjoni effettiva tagħhom hija ta' importanza primarja (ara t-taqsima 3.2) biex jiġi żgurat li l-ħaddiema migranti irregolari jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mingħajr il-biża' li jkunu soġġetti għal proċeduri ta' ritorn. Barra minn hekk, xi Stati Membri ħadu aktar miżuri biex jiffaċilitaw ir-rappurtar tal-isfruttament. In-Netherlands, pereżempju, jimplimentaw politika magħrufa bħala "free in, free out" [69] li tippermetti lill-migranti irregolari jirrappurtaw delitt lill-pulizija mingħajr ma jiġu arrestati jew jiffaċċjaw ir-ritorn, irrispettivament mit-tip ta' reat irrappurtat. Spanja waqqfet timijiet tal-pulizija ddedikati li għandhom il-kompitu li jipprovdu assistenza lill-migranti, inklużi migranti irregolari, billi jinfurmawhom dwar id-drittijiet tagħhom, jagħtuhom pariri dwar kif jirregolarizzaw l-istatus tagħhom u jgħinu jippreżentaw ilmenti kontra l-impjegaturi u oħrajn għal trattament ħażin u sfruttament mingħajr riskju li jiġu ordnati jirritornaw.

4.2. Azzjonijiet biex titjieb l-effettività tal-ispezzjonijiet

Sabiex l-ispezzjonijiet ikunu effettivi fid-detezzjoni tal-impjieg illegali u fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-migranti irregolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn jimmiraw lejn is-setturi ekonomiċi li huma l-aktar f'riskju ta' impjieg illegali li jkopru għadd sinifikanti ta' impjegaturi f'setturi bħal dawn u jitwettqu f'intervalli regolari. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri kollha għandhom **iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi u regolari**, u jħarsu wkoll lejn oqsma ekonomiċi ġodda u emerġenti bħall-ekonomija tal-pjattaformi, biex jidentifikaw setturi ta' riskju u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni, b'ħidma mill-qrib mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali, se tippromwovi l-**iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-ispezzjonijiet, il-valutazzjoni tar-riskju** u l-kooperazzjoni fost l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol, inkluż fir-rigward ta' dawk li jistgħu jitqiesu bħala **deterrent u miri realistiċi** għall-ispezzjonijiet annwali fis-setturi ta' riskju identifikati mill-Istati Membri.

[68] Idem.

[69] Abbażi ta' dokument ta' politika interna tal-pulizija nazzjonali u Memorandum ta' Qbil kondiviż mal-Parlament Netherlandiż.

Biex tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' sfruttament u ta' vittmi tat-traffikar matul l-ispezzjonijiet u tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-obbligi mid-Direttiva, il-Kummissjoni se tippromwovi, b'mod strutturat, l-iskambju ta' prattiki, pereżempju dwar **spezzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet tax-xogħol u unitajiet speċjalizzati tal-isfruttament tax-xogħol**, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u tfittex l-għarfien espert tal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu **taħriġ lill-ispetturi tax-xogħol** dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti irregolari skont id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi u dwar l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' sfruttament u traffikar tal-bnedmin. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltajiet li tappoġġa lill-Istati Membri b'taħriġ f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, fejn xieraq.

Il-Kummissjoni se:

- taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tidentifika miri annwali possibbli għall-ispezzjonijiet tal-impjegaturi fis-setturi ta' riskju;
- tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba dwar l-ispezzjonijiet, l-identifikazzjoni tas-setturi ta' riskju u l-kooperazzjoni bejn l-ispettorati u tfittex l-għarfien espert tal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat;
- tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba għall-identifikazzjoni tal-vittmi ta' sfruttament u traffikar, inkluż dwar spezzjonijiet konġunti ma' unitajiet dedikati.
- tesplora l-possibbiltà li tappoġġa lill-Istati Membri bit-taħriġ tal-ispetturi tax-xogħol f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

L-Istati Membri jenħtieġ li:

- jiżguraw li l-ispezzjonijiet jimmiraw lejn is-setturi ekonomiċi li huma l-aktar f'riskju ta' impjieg illegali, ikopru sehem sinifikanti ta' impjegaturi f'setturi bħal dawn u li jitwettqu f'intervalli regolari;
- iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi u regolari, filwaqt li jħarsu wkoll lejn oqsma ekonomiċi ġodda u emerġenti, bħall-ekonomija tal-pjattaformi, biex jidentifikaw setturi ta' riskju u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni;
- jipprovdu taħriġ lill-ispetturi tax-xogħol dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti irregolari skont id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi u dwar l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' sfruttament u traffikar tal-bnedmin.

5. Lakuni sinifikanti fl-informazzjoni

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jikkomunikaw kull sena lill-Kummissjoni l-għadd ta' spezzjonijiet u r-riżultati tagħhom[70], dwar il-ħlasijiet b'lura li jsiru mill-impjegaturi, dwar il-miżuri l-oħra applikati u dwar l-iffaċilitar tal-ilmenti[71]. Din l-informazzjoni hija essenzjali biex jiġi vvalutat kif jiġu implimentati l-miżuri tad-Direttiva u l-konsegwenzi tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni limitata ħafna u mhux uniformi li twassal għal nuqqasijiet sinifikanti fid-*data* dwar l-ispezzjonijiet u r-riżultati tagħhom, dwar l-

[70] L-Artikolu 14 tad-Direttiva.
[71] L-Artikolu 16(2) tad-Direttiva.

applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji u kriminali u dwar l-għadd ta' proċedimenti kriminali mnedija, kif ukoll dwar l-użu u r-riżultati tal-mekkaniżmi tal-ilmenti.

Hemm ukoll nuqqas ta' *data* u informazzjoni kompluta u affidabbli dwar l-**applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-ilmenti u l-eżiti tagħhom**, kif ukoll nuqqas ta' rappurtar mill-Istati Membri dwar l-għadd ta' **talbiet għall-ħlas b'lura** introdotti u konklużi b'suċċess u dwar il-każijiet miftuħa kontra impjegaturi abbużivi. L-ebda Stat Membru ma ċċentralizza d-*data* dwar l-għadd ta' lmenti b'suċċess imressqa minn migranti irregolari rigward il-ħlas tal-pagi dovuti tagħhom. Għalhekk, anki jekk it-talbiet jirnexxu, ta' spiss jibqa' ma jkunx magħruf jekk il-ħaddiema rċivewx il-ħlas b'lura u l-impjegaturi ta' spiss jiddikjaraw falliment jew jgħejbu. Mingħajr ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-għadd u l-eżiti tal-ilmenti mressqa, huwa diffiċli li wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar kemm huwa effettiv l-aċċess għall-ġustizzja u l-mekkaniżmi tal-ilmenti fl-Istati Membri, kemm spiss jintużaw dawn il-mekkaniżmi u b'liema suċċess.

In-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u sħiħa **jagħmilha diffiċli li jiġi vvalutat b'mod konklużiv jekk id-Direttiva kellhiex impatt** fuq l-iskoraġġiment u t-tnaqqis tal-impjieg illegali u jekk is-sanzjonijiet kriminali fl-Istati Membri humiex effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-ġbir aħjar tal-informazzjoni jikkontribwixxi għal strateġija ta' infurzar aktar effettiva kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

Sabiex **jimtlew il-lakuni sinifikanti fid-*data* u tkun tista' ssir valutazzjoni solida** tal-impatt u tal-effettività tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi, hemm bżonn li jittejjeb ir-rappurtar mill-awtoritajiet nazzjonali. Fl-ewwel lok, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni f'waqtha, sħiħa u komparabbli sabiex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jirriżulta mir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva. Biex tappoġġa lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligu ta' rappurtar tagħhom, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, **se tistabbilixxi sistema ta' rappurtar tal-IT u bażi tad-*data***. Din is-sistema se tiffaċilita l-ġbir tal-informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tas-sanzjonijiet finanzjarji, kriminali u sanzjonijiet oħra imposti kontra l-impjegaturi, l-użu tal-mekkaniżmi tal-ilmenti — inkluż dwar l-għadd ta' lmenti mressqa u l-eżiti tagħhom, it-talbiet u l-ħlasijiet tal-pagi, il-permessi temporanji mogħtija — kif ukoll dwar l-ispezzjonijiet imwettqa u r-riżultati tagħhom. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, se tiddefinixxi **kriterji u rekwiżiti ċari għar-rappurtar**, biex tiżgura l-konsistenza u l-kwalità għolja tal-kontribuzzjonijiet u li d-*data* tkun sħiħa, komparabbli u ppreżentata fil-ħin.

Il-Kummissjoni se:

- tistabbilixxi sistema ta' rappurtar tal-IT u bażi ta' *data*, bl-appoġġ tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, għall-ġbir tal-informazzjoni u d-*data* dwar is-sanzjonijiet, l-użu ta' miżuri protettivi u l-ispezzjonijiet;
- tiddefinixxi kriterji u rekwiżiti ċari għar-rappurtar f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

L-Istati Membri jenħtieġ li:

- jirrapportaw kull sena u fil-ħin dwar l-ispezzjonijiet u l-eżiti tagħhom (eż. l-għadd totali ta' proċedimenti miftuħa u magħluqa, multi u sanzjonijiet kriminali imposti);
- itejbu l-ġbir tad-*data* dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-ilmenti u l-eżiti tagħhom (eż. l-għadd ta' talbiet għall-ħlasijiet b'lura, ir-riżultati tat-talbiet, l-għadd ta' proċedimenti miftuħa kontra l-impjegaturi).

6. Tishiħ tal-azzjoni tal-UE kontra l-impjieg illegali

Biex tiġġieled kontra l-migrazzjoni irregolari, l-UE jeħtieġ li tindirizza l-aspetti kollha ta' dan il-fenomenu permezz ta' approċċ komprensiv, kif indikat mill-Patt il-Ġdid. Minbarra li tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, tniedi mill-ġdid il-ġlieda kontra t-traffikanti tal-migranti fi sħubija ma' pajjiżi terzi u żżid il-ftuħ ta' rotot legali lejn l-UE, l-UE teħtieġ ukoll li **ssaħħaħ ir-rispons tagħha għall-impjieg illegali**, għax dan huwa xprun għall-migrazzjoni irregolari u sors ta' sfruttament u abbuż. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu żgurati implimentazzjoni u infurzar aktar effettivi tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi, l-aktar għodda importanti għad-dispożizzjoni tagħna li **l-potenzjal tagħha għad irid jiġi sfruttat bis-sħiħ**.

Il-livell u l-grad ta' implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri jvarja. Filwaqt li d-differenzi fl-approċċi varji jirriflettu l-flessibbiltà li tagħti d-Direttiva, li tippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw is-soluzzjonijiet li huma l-aktar adatti għas-sistemi nazzjonali tagħhom, juru wkoll użu ġenerali **ineffiċjenti tar-regoli dwar is-sanzjonijiet, il-miżuri protettivi u l-ispezzjonijiet** biex jiġu identifikati l-impjegaturi abbużivi u l-migranti jiġu protetti mill-isfruttament.

L-ewwel nett, diġà jista' jinkiseb titjib sinifikanti billi **tiżdied l-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet** ewlenin eżistenti tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet l-Impjegaturi. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni. Il-Kummissjoni se tippromwovi djalogu mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u ma' diversi partijiet ikkonċernati, inkluż permezz tat-tnedija mill-ġdid tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Migrazzjoni Irregolari tagħha dwar id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi fl-2021. Il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti se jkollha l-għan li ttejjeb l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri, kif ukoll tappoġġjahom fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva b'mod strutturat. B'dan il-għan, il-Kummissjoni se **taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati** bħall-awtoritajiet nazzjonali tax-xogħol u tal-immigrazzjoni, it-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Fejn rilevanti, il-Kummissjoni se tfittex l-għarfien espert tal-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat.

Filwaqt li tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni se timmonitorja wkoll kontinwament l-implimentazzjoni tad-Direttiva u se tiffoka fuq l-**infurzar effettiv** tagħha. Mal-adozzjoni ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri biex tikseb informazzjoni addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi ewlenin dwar is-sanzjonijiet, l-ispezzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti li jirriżultaw mid-Direttiva u bil-għan li jiġu identifikati soluzzjonijiet possibbli. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se tniedi proċeduri ta' **ksur**.

Sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni se timplimenta l-miżuri ppreżentati f'din il-Komunikazzjoni u se **tirrapporta dwar ir-riżultati miksuba** fir-rapport ta'implimentazzjoni li jmiss li għandu jitlesta sa mhux aktar tard mill-2024. Fid-dawl tal-progress miksub permezz tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'din il-Komunikazzjoni u l-isforzi mġedda ta' implimentazzjoni u infurzar, u b'kont meħud tal-iżviluppi possibbli fil-qasam tal-impjiegi illegali u jekk id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra l-Impjegaturi għadhiex adatta biex twieġeb għalihom, il-Kummissjoni mbagħad se tikkunsidra jekk huwiex meħtieġ li l-qafas legali eżistenti jiġi emendat.

TABELLI

Tabella 1: Sanzjonijiet finanzjarji

SM	persuna F/Ġ *	Ammont ta' sanzjonijiet finanzjarji			Artikolu 5(3)**	Artikolu 5(2)(b) ***	Tibdiliet
		Minimi	Fissi	Massimi			
Penali applikata għal kull migrant irregolari impjegat illegalment							
AT	F/Ġ	€1 000/ €4 000		€10 000/ €50 000	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
BE	F/Ġ	€ 300		€ 3 000	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
BG	Le	BGN 500/ 1 000 (€255 / 511)		BGN 7 500/15 000 (€3 834 / 7 669)	Le	B'addizzjoni ma'	BG żiedet l-ammont tal-multa. Preċedentement, il-multa għal persuna fiżika kienet bejn BGN 500/1 000 u BGN 5 000/10 000. Għal persuna ġuridika, kienet sa BGN 20 000/40 000.
	Ġ	BGL 2 000/4 000 (€ 1 022 / 2 045)		BGN 30 000/60 000 (€ 15 339 / 30 678)			
CY	F/Ġ	€ 1 500		€ 3 000	Iva	B'addizzjoni ma'	Il-Gvern ta' Ċipru ppreżenta abbozz ta' liġi lill-Parlament sabiex jiżdiedu l-multi amministrattivi, ħalli s-sanzjonijiet isiru aktar dissważivi. L-abbozz ta' liġi huwa mistenni li jiġi ppromulgat fil-ġimgħat li ġejjin.
EE	Le			€ 1 200	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
	Ġ			€ 3 200			
EL	F/Ġ		€ 5 000/ € 10 000		Le	B'addizzjoni ma'	EL żiedet il-livell tas-sanzjonijiet. Preċedentement, il-multa kienet tammonta għal bejn EUR 3 000 u EUR 15 000.
ES	F/Ġ	€ 500		€ 100 000	Le	B'addizzjoni ma'	ES żiedet l-ammont tal-multa li qabel kien jammonta għal bejn EUR 6 001 u EUR 60 000.
FR	F/Ġ	€ 6 980		€ 15 000/ € 75 000	Le	B'addizzjoni ma'	Franza mmodulat l-ammont tal-multa sabiex tieħu kont aħjar taċ-ċirkostanzi fattwali (id-Digriet tal-4 ta' Ġunju 2013)
HR	Le	HRK 10 000 (€1 334)		HRK 30 000 (€ 4 002)		B'addizzjoni ma'	
	Ġ	HRK 70 000 (€ 9 338)		HRK 150 000 (€ 20 010)	Iva		

HU	F/Ġ	4*il-paga minima		15*il-paga minima	Iva	B'addizzjoni ma'	Paga minima 161 000 HUF/month (€465 129) fl-2020
IT	Le	€ 1 800		€ 43 200	Iva	Rifless	IT żiedet l-ammont tas-sanzjoni. Preċedentement il-multa kient ta' bejn EUR 1 500 u EUR 12 000
LT	Le	€869/€2 896		€2 896/ €5 792	Le	B'addizzjoni ma'	Bidla applikabbli mill-1.1. 2017
	Ġ	€ 1 000/ € 5 000		€ 5 000/ € 6 000			
LU	F/Ġ		€ 2 500		Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
NL	Le			€ 11 250	Iva	Rifless	NL żiedet l-ammont tal-multa. Preċedentement il-multa kienet sa EUR 4 000 għal persuna fiżika u sa EUR 8 000 għal persuna ġuridika.
	Ġ			€ 45 000			
RO	F/Ġ	RON 10 000 (€ 2 032)		RON 20 000 (€ 4 064)	Le	B'addizzjoni ma'	RO żiedet l-ammont tal-multa. Preċedentement, il-multa kienet minn ROL 1 500 Lei sa ROL 2 000.
SE	F/Ġ			SEK 36 396/ 47 300 (€3 613 / €4 696)	Le	Rifless	SE żiedet l-ammont tal-multa.
SI	Le	€ 2 000		€ 5 000	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
	Ġ	€ 4 000		€ 12 000			
Għadd ta' migranti irregolari ikkunsidrat fid-determinazzjoni tal-multa							
CZ	Le			CZK 5 000 000 (€ 196 900)	Le	B'addizzjoni ma'	CZ żiedet il-multa. Preċedentement, il-multa kienet sa 2 000 000 CZK
	Ġ	CZK 50 000 (€1 969)		CZK 10 000 000 (€ 393 800)			
DE	F/Ġ			€ 500 000	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
FI	F/Ġ	€ 1 000		€ 30 000	Iva	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
LV	Le	€ 210		€ 500	Iva	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
MT	F/Ġ			€ 11 646,87	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla fl-ammont tas-sanzjoni finanzjarja massima iżda ġew miżjuda elementi addizzjonali eż. iż-żieda tal-ispejjeż tar-ritorn u l-ispejjeż biex jintbagħtu l-pagamenti lejn il-pajjiż terz.
PL	F/Ġ	PLN 1 000 (€223,1)		PLN 30 000 (€ 6 693)	Iva	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
PT	F/Ġ	€ 2 000		€ 90 000	Iva	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla
SK	F/Ġ	€ 2 000		€ 200 000	Le	B'addizzjoni ma'	L-ebda bidla

* F/Ġ = Persuna fiżika/Persuna ġuridika

** l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2009/52/CE: "*L-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet finanzjarji mnaqqsa fejn min iħaddem ikun persuna fiżika li jħaddem ċittadin minn pajjiż terz f'soġġorn illegali għall-finijiet privati tiegħu jew tagħha u fejn ma jkun hemm l-ebda kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi*"

*** l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2009/52/CE: "*Sanzjonijiet fir-rigward ta' ksur tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jinkludu: (b) ħlasijiet tal-ispejjeż tar-ritorn ta' ċittadini mħaddmin illegalment f'dawk il-każijiet fejn il-proċeduri tar-ritorn ikunu mwettqa. L-Istati Membri jistgħu, minflok, jiddeċiedu li jirriflettu l-ispejjeż medji tar-ritorn fis-sanzjonijiet finanzjarji taħt punt (a).*

Rati tal-kambju 11/06/2021: BGN 1 = EUR 0,5113, CZK 1 = EUR 0,03938, DKK 1 = EUR 0,134474, HUF 1 = EUR 0,002889, PLN 1 = EUR 0,2231, RON 1 = EUR 0,2032, SEK 1 = EUR 0,09929, HRK 1 = EUR 0,1334

Tabella 2: Sanzjonijiet kriminali

SM	Sanzjonijiet (tul ta' żmien ta' priġunerija u multa fejn applikabbli)					Kummenti
	9(1)a "il-ksur ikompli jew ikun ripetut b'mod persistenti"	9(1)b "impjieg simultanju ta' għadd sinifikanti ta' migranti irregolari"	9(1)c "kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment abużivi"	9(1)d "impjegatur li jimpjega b'mod konsapevoli vittma ta' traffikar"	9(1)e "impjieg illegali ta' minorenni"	
AT	multa sa 360 tariffa ta' kuljum jew priġunerija ta' sa 6 xhur	multa sa 360 tariffa ta' kuljum jew priġunerija sa 6 xhur	priġunerija sa sentejn	priġunerija sa sentejn	multa sa 360 tariffa ta' kuljum jew priġunerija sa 6 xhur	L-ammont tal-multa li jista' jkun sa 360 tariffa ta' kuljum jiddependi fuq id-dħul tal-awtur tar-reat. Il-penali finanzjarja massima tista' tkun ta' EUR 1,8 miljun
BE	priġunerija minn 6 xhur sa 3 snin u/jew multa minn EUR 600 sa € 6 000		priġunerija minn sena sa 5 snin u multa ta' EUR 500 - 50 000	priġunerija minn sena sa 5 snin u multa ta' EUR 500 - 50 000	priġunerija minn 10 sa 15-il snin u multa ta' EUR 1 000–100 000	Il-penali tal-livell 4 hija applikabbli għall-impjieg ta' ċittadini barranin li mhumiex permessi jew awtorizzati joqogħdu għal aktar minn tliet xhur fil-Belġju
BG	priġunerija ta' bejn sena u 5 snin u multa ta' BGN 5 000 (€2 554) sa BGN 50 000 (€ 25 564)	Priġunerija sa 4 snin u multa ta' BGN 2 000 (€1 022) sa BGN 20 000 (€10 225)	priġunerija ta' bejn sena u 5 snin u multa ta' BGN 5 000 (€2 554) sa BGN 50 000 (€25 564)	Priġunerija sa 4 snin u multa ta' BGN 2 000 (€ 1 022) sa BGN 20 000 (€ 10 225)	priġunerija minn sena sa 5 snin u multa ta' BGN 3 000 (EUR 1 534) sa BGN 30 000 (€ 15 338)	Is-sanzjonijiet elenkati taħt 9(1)b japplikaw għall-persuna li timpjega simultanjament ħames barranin jew aktar li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.
CY	Priġunerija sa 5 snin u/jew multa li ma taqbiżx EUR 20 000					Kull ċirkostanza msemmija taħt 9(1)a-e tista' tkun kumulattiva jew tissostitwixxi lil oħrajn.
CZ	priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin Priġunerija sa 6 xhur, sekwestru ta' proprjetà jew ta' valuri oħra ta' proprjetà, jew projbizzjoni milli jitwettqu attivitajiet professjonali. - Piena ta' priġunerija sa sena, jekk persuna tkun wettqet ir-reat kriminali ta' impjieg illegali ta' barranin bħala membru ta' grupp organizzat, għal remunerazzjoni, jew ripetutament. - Piena ta' priġunerija bejn sitt xhur u tliet snin, jekk l-awtur tar-reat ikun kiseb benefiċċju konsiderevoli għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor. - Priġunerija bejn sena u ħames snin u fejn xieraq, anki t-telf ta' proprjetà, jekk l-awtur tar-reat ikun kiseb b'dan l-att kriminali xi benefiċċju fuq skala kbira għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor.			-	priġunerija minn sitt xhur sa ħames snin	Penali monetarja tista' tiġi imposta sa massimu ta' 1 460 000 000 CZK (€ 53 100 563) għal persuna ġuridika.
DE	priġunerija ta' mhux aktar minn sena jew multa	priġunerija ta' mhux aktar minn sena jew multa	priġunerija sa 3 snin jew multa (każijiet serji: minn 6 xhur sa	priġunerija ta' mhux aktar minn 3 snin jew multa	priġunerija ta' mhux aktar minn sena jew multa	1. Fil-każ ta' reat kriminali mwettaq b'intenzjoni, multa ta' mhux aktar minn

			5 snin)			€1 000 000; 2. Fil-każ ta' reat kriminali mwettaq b'negliġenza, multa ta' mhux aktar minn €500 000.
EE	multa ta' bejn 30 u 500 rata ta' kuljum (€96 sa €1 600) jew priġunerija sa 3 snin					Persuni ġuridiċi huma kkastigati biss b'piena pekunjarja (€3 200 sa €16 000 000) Xoljiment obbligatorju tal-persuna ġuridika.
EL	priġunerija ta' mill-inqas 5 xhur			priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur	priġunerija ta' mill-inqas 6 xhur	Ma hemmx distinzjoni bejn impjegatur fiżiku u ġuridiku.
ES	priġunerija minn 3 sa 18-il xahar u multa ta' 12 sa 30 xhur	priġunerija minn 6 xhur sa 6 snin u multa ta' 6 xhur sa 12-il xahar.	priġunerija minn sentejn sa 5 snin u multa minn 6 sa 12-il xahar	priġunerija minn sentejn sa 5 snin u multa ta' 6 xhur sa 12il xahar	priġunerija minn 3 sa 18-il xahar u multa ta' 12 sa 30 xhur	
FI	multa jew priġunerija sa sena					
FR	sa 10 snin priġunerija u multa ta' €100 000					
HR	priġunerija minn 6 xhur sa 5 snin					
HU	priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn	priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn	priġunerija ta' mhux aktar minn 3 snin	priġunerija ta' mhux aktar minn 3 snin	priġunerija ta' mhux aktar minn 3 snin	
IT	Priġunerija minn sena sa 5 snin u minn 5 sa 5-il sena għal ċirkostanzi aggravanti					IT żiedet it-tul tal-priġunerija. Preċedentement: Priġunerija għal minimu ta' 3xhur u massimu ta' sena u multa ta' €5 000 għal kull ħaddiem impjegat illegalment; bis-sanzjonijiet jiżdiedu jekk l-attivitajiet ikunu marbuta ma' azzjonijiet kriminali relatati ma' profitt.
	Żieda minn terz sa nofs is-sanzjoni			Żieda ta' terz għal nofs is-sanzjonijiet u multa ta' €25 000 għal kull persuna involuta	Żieda ta' terz għal nofs is-sanzjonijiet u multa ta' €25 000 għal kull persuna involuta	
LT	multa jew priġunerija sa sentejn		priġunerija sa 8 snin	priġunerija minn 2 sa 10 snin jew jekk żewġ persuni jew aktar,minn 4 sa 12-il sena		Sanzjonijiet speċifiċi għal persuni ġuridiċi: 1) multa (minn €10 000 sa 5 000 000); 2) restrizzjoni tal-operat tal-entità ġuridika; 3) likwidazzjoni tal-entità ġuridika.
LU	priġunerija minn 8 ijiem sa sena u/jew multa minn € 2 501 sa € 20 000					Sanzjonijiet speċifiċi għal persuni ġuridiċi: 1) multa: Minimu ta' € 500, massimu € 750 000; 2) konfiska speċjali; 3) esklużjoni mill-parteċipazzjoni

						f'kuntratti pubbliċi; 4) stralċ
LV	Ċaħda temporanja tal-libertà (priġunerija sa 3 xhur) jew servizz komunitarju, jew multa (sa 100 darba s-salarji minimi fix-xahar (€50 000))					
MT	Multa sa 11 646,87 u/jew priġunerija sa sentejn. Il-piena għandha tiżdied bi grad wieħed jew żewġ gradi biċ-ċirkostanzi aggravanti msemmija taħt 9(1)a-e tal-penali.					Sanzjonijiet speċifiċi għal persuni ġuridiċi: 1. multa sa massimu ta' EUR 2 500 2. sospensjoni jew kanċellazzjoni ta' kwalunkwe liċenzja; 3. għeluq temporanju jew permanenti; 4. stralċ obbligatorju
NL	priġunerija sa 4 snin jew multa tal-ħames kategorija	priġunerija sa 4 snin jew multa tal-ħames kategorija u s-sanzjoni massima għat-traffikar tal-bnedmin hija priġunerija għal terminu li ma jaqbiżx tnax-il sena.				Il-kodiċi kriminali jippermetti l-prosekuzzjoni kriminali ta' persuni ġuridiċi. Persuni ġuridiċi, kif ukoll is-superjur jew is-superviżur jistgħu jiġu sanzjonati.
PL	Multa (il-multa hija imposta f'rati ta' kuljum, li jiddefinixxu l-għadd ta' rati u l-ammont ta' rata waħda. L-inqas għadd ta' rati għandu jkun 100, u l-ogħla 1 080 000 zlotys jew restrizzjoni tal-libertà sa 12-il xahar.		Priġunerija sa 3 snin		Multa bejn 100 u 1 080 000 zlotys jew restrizzjoni tal-libertà	Sanzjonijiet speċifiċi għal persuni ġuridiċi: 1) projbizzjoni li tippromwovi, tirreklama l-attività tagħha, il-prodotti li tagħmel u s-servizzi pprovduti; 2) esklużjoni mid-dritt li tibbenefika minn għajnuna finanzjarja pubblika; 3) esklużjoni mid-dritt li tibbenefika minn għajnuna minn organizzazzjonijiet internazzjonali; 4) esklużjoni mid-dritt li tipparteċipa fl-akkwist pubbliku; 5) projbizzjoni li twettaq ċerta attività ekonomika; 6) pubblikazzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja.
PT	priġunerija sa sena jew multa sa 240 jum (massimu € 120 000)	priġunerija sa sentejn jew multa sa 480 jum (massimu ta' €240 000)	priġunerija ta' bejn 1 u 5 snin	priġunerija ta' bejn 2 u 6 snin	priġunerija sa sentejn jew multa sa 480 jum (massimu € 240 000)	Speċifika għall-persuni ġuridiċi: 1. multa; 2. interdizzjoni tal-eżerċizzju tal-attività għal perjodu ta' bejn 3 xhur u 5 snin
RO		priġunerija bejn sena u sentejn jew multa	Priġunerija minn bejn 6 xhur u 3 snin.	priġunerija bejn 3 xhur u sentejn	priġunerija bejn 3 xhur u sentejn	Il-piena msemmija taħt 9(1)b tapplika għal impjieg ta' aktar minn 5 persuni.
SE	multa jew priġunerija sa sena					Multa korporattiva tikkonsisti f'mill-inqas 10 000

			(€1 138) u mhux aktar minn 3 000 000 SEK (€341 382). Barra minn hekk, il-Kapitolu 36, it-Taqsima 4 tal-Kodiċi Penali Svediż, jagħmilha possibbli li jintilfu profitti li huma riżultat ta' reat. Il-persuna ġuridika tista' għalhekk titlef il-profitti kollha li tkun kisbet bis-saħħa tal-impjieg illegali.
SI	Priġunerija sa 2 snin	Priġunerija sa 3 snin	L-ammont tal-multa imposta fuq persuna ġuridika jvarja skont il-grad tal-kastig (speċjalment it-tul ta' priġunerija) preskritt għall-awtur tar-reat kriminali.
SK	Priġunerija sa sentejn	priġunerija bejn 6 xhur u 3 snin	Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi: Konfiska ta' somma ta' flus li tvarja minn €800 sa €1 660 000; Konfiska ta' proprjetà

<u>Tabella 3</u>: Spezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri fl-2019

	Spezzjonijiet		**Riżultati**	
Stat Membru	**Għadd assolut**	**Perċentwal ta' impjegaturi fis-setturi kollha spezzjonati**	**Għadd ta' spezzjonijiet li fihom ġew skoperti ħaddiema illegali**	**Għadd ta' ħaddiema illegali identifikati**
Il-Belġju	14 658	6,3 %	1 062	1 629
Il-Bulgarija	391	0,4 %	4	14
Iċ-Ċekja	8 160	5,6 %	74	180
Il-Ġermanja	98 224	6,0 %	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
L-Estonja	100	0,2 %	0	44
Il-Greċja	21 244	9,4 %	30	41
Spanja	15 706	1,7 %	3 215	4 948
Franza	1 286	0,1 %	1 068	1 800
Il-Kroazja	10 100	2,8 %	142	321
L-Italja	129 289	8,2 %	907	1 608
Ċipru	9 203	126,1 %	68	104
Il-Latvja	1 518	0,8 %	6	6
Il-Litwanja	7 141	6,6 %	72	257
Il-Lussemburgu	5 682	64,6 %	61	68
L-Ungerija	15 509	3,5 %	47	85
Malta	3 920	6,1 %	13	22
In-Netherlands	1 746	0,5 %	386	405
L-Awstrija	27 518	14,5 %	3 345	5 831
Il-Polonja	11 623	1,9 %	497	574
Il-Portugall	1 167	0,6 %	0	757
Ir-Rumanija	1 416	1,5 %	0	121
Is-Slovenja	10 444	32,0 %	96	0
Is-Slovakkja	23 891	36,6 %	5	7
Il-Finlandja	19 765	6,3 %	17	53
L-Iżvezja	2 675	0,5 %	331	584
Totali	***442 376***	13,7 %	***11 446***	***19 459***

<u>Tabella 4</u>: Spezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri fl-2020

	Spezzjonijiet		**Riżultati**	
Stat Membru	**Għadd assolut**	**Perċentwal ta' impjegaturi fis-setturi kollha spezzjonati**	**Għadd ta' spezzjonijiet li fihom ġew skoperti ħaddiema illegali**	**Għadd ta' ħaddiema illegali identifikati**
Il-Belġju	10 080	4,37 %	832	1 371
Il-Bulgarija	131	0,13 %	5	5
Iċ-Ċekja	5 557	4,08 %	36	66
Il-Ġermanja	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
L-Estonja	388	1,30 %	53	132
Il-Greċja	10 904	10,61 %	27	41
Spanja	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
Franza	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
Il-Kroazja	8 101	2,15 %	133	232
L-Italja	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
Ċipru	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
Il-Latvja	1 239	0,68 %	8	8
Il-Litwanja	4 161	1,93 %	0	3
Il-Lussemburgu	12 728	Ma hemmx *data*	54	70
L-Ungerija	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
Malta	3 542	5,05 %	19	33
In-Netherlands	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*
L-Awstrija	29 220	15,94 %	3 483	5 302
Il-Polonja	6 823	1,17 %	320	426
Il-Portugall	631	1 %	Ma hemmx *data*	239
Ir-Rumanija	724	Ma hemmx *data*	Ma hemmx *data*	53
Is-Slovenja	7 826	Ma hemmx *data*	104	Ma hemmx *data*
Is-Slovakkja	13 182	19 %	6	44
Il-Finlandja	14 593	4,55 %	2	6
L-Iżvezja	1 695	0,31 %	239	406
Totali	***131 525***	***4,82 %***	***5 321***	***8 437***